

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/131**tat-23 ta' Jannar 2015**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2092/91 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 (²) jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.
- (2) Ir-Repubblika tal-Korea resqet talba f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 lill-Kummissjoni biex tigħi inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati. Hija resqet l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament. L-analiżi ta' dik l-informazzjoni, id-diskussionijiet sussegwenti mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea u eżami fuq il-post dwar ir-regoli tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll applikati mir-Repubblika tal-Korea wasslu għall-konklużjoni li fdak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-prodotti organiċi ta' prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Konsegwentement, ir-Repubblika tal-Korea għandha tigħi inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għal prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (prodotti tal-Kategorija D).
- (3) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fih lista ta' korpi ta' kontroll u awtoritajiet ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati fpajjiżi terzi għall-għan ta' ekwivalenza. Bħala konsegwenza tal-inklużjoni tar-Repubblika tal-Korea fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll rilevanti rikonoxxuti s'issa għall-importazzjoni ta' prodotti tal-kategorija D mir-Repubblika tal-Korea għandhom jitħassru mill-Anness IV.
- (4) Għaldaqstant, l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandhom jiġu emendati skont dan.
- (5) L-inklużjoni tar-Repubblika tal-Korea fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2015. Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jadattaw għall-emendi li saru fl-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, l-emenda tal-aħħar Anness għandha, madankollu, tapplika biss wara perjodu ta' żmien raġonevoli.

(¹) ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2015.

Il-punt (2) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, jiddaħħal it-test li ġej:

“IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA

1. Kategoriji tal-prodott:

Kategorija tal-prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV	Limitazzjonijiet
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel	D	

2. Oriġini: ingredjenti mkabbrin organikament fil-prodotti tal-kategorija D li tkabbru fir-Repubblika tal-Korea jew li ġew importati lejn ir-Repubblika tal-Korea:

- mill-Unjoni, jew
- minn pajjiż terz li għalih r-Repubblika tal-Korea rrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz skont regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Korea.

3. Standards tal-produzzjoni: L-Att dwar il-Promozzjoni ta' Agrikoltura u Sajd li jħarsu l-Ambjent u l-Ġestjoni u Appoġġ għall-Ikel Organiku.

4. Awtoritajiet kompetenti: Ministeru tal-Agrikoltura, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali

5. Korpi tal-kontroll:

Numru tal-kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
KR-ORG-001	Korea Agricultural Product and Food Certification	www.kafc.kr
KR-ORG-002	Doalnara Organic Certificated Korea	www.doalnara.or.kr
KR-ORG-003	Bookang tech	www.bkt21.co.kr
KR-ORG-004	Global Organic Agriculturalist Association	www.goaa.co.kr
KR-ORG-005	OCK	www.친환경인증.com
KR-ORG-006	Konkuk University industrial cooperation corps	http://eco.konkuk.ac.kr
KR-ORG-007	Korea Environment-Friendly Organic Certification Center	www.a-cert.co.kr
KR-ORG-008	Konkuk Ecocert Certification Service	www.ecocert.co.kr
KR-ORG-009	Woorinong Certification	www.woric.co.kr
KR-ORG-010	ACO(Australian Certified Organic)	www.aco.net.au
KR-ORG-011	BCS(BCS Oko-Garantie GmbH)	www.bcs-oeko.com
KR-ORG-012	BCS Korea	www.bcskorea.com
KR-ORG-014	The Center for Environment Friendly Agricultural Products Certification	www.hgreen.or.kr
KR-ORG-015	ECO-Leaders Certification Co.,Ltd.	www.ecoleaders.kr

Numru tal-kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
KR-ORG-016	Ecocert	www.ecocert.com
KR-ORG-017	Jeonnam bioindustry foundation	www.jbio.org/oc/oc01.asp
KR-ORG-018	Controlunion	http://certification.controlunion.com

6. **Korpi u awtoritajiet li joħorġu c-ċertifikati:** bħal f'punt 5.

7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** sal-31 ta' Jannar 2018.”

ANNESS II

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-entrata dwar “Australian Certified Organic”, fil-punt 3, ir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-107” jitħassru;
 - (2) Fl-entrata dwar “BCS Öko-Garantie GmbH”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-141”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (3) Fl-entrata dwar “Bioagricert S.r.l.”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-132”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (4) Fl-entrata dwar “Bio.inspecta AG”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-161”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (5) Fl-entrata dwar “Control Union Certifications”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-149”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (6) L-entrata dwar “Doalnara Certified Organic Korea, LLC” għandha tiġi emendata kif ġej:
 - (a) fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-129”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (b) f'punt 4, il-kelma “inbid” titħassar;
 - (7) Fl-entrata dwar “Ecocert SA”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-154”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”;
 - (8) Fl-entrata dwar “Organic Certifiers”, fil-punt 3, fir-ringiela li tikkonċerna il-pajjiż terz “il-Korea t’Isfel” u n-numru tal-kodiċi “KR-BIO-106”, is-salib fil-kolonna D jitħassar; “il-Korea t’Isfel” hija sostitwita b “Ir-Repubblika tal-Korea”.
-